Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Iżvilupp

2025/0540(COD)

23.7.2026

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni għall-perjodu mill-2028 sal-2034

(COM(2025)0540 – C10-0177/2025 – 2025/0540(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Ondřej Kolář

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-Kummissjoni ressqet proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li tistabbilixxi l-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni għall-perjodu mill-2028 sal-2034. Il-migrazzjoni hija problema Ewropea komuni li teħtieġ rispons kondiviż u bbażat fuq ir-regoli, kif jissemma wkoll fil-Linji Gwida Politiċi tal-Kummissjoni għall-2024-2029.

Għall-politika tal-iżvilupp l-enfasi hija fuq id-dimensjoni esterna ta' dan l-appoġġ. L-influss dejjem jikber ta' migranti mill-Afrika u mill-Asja, li spiss jiġi orkestrat minn pajjiżi terzi bħar-Russja u l-proxies tagħha biex jiddestabbilizzaw l-Ewropa permezz ta' tattiċi ibridi, jenfasizza l-ħtieġa urġenti li l-Unjoni Ewropea ssaħħaħ il-kontrolli fuq il-flussi ta' migrazzjoni irregolari filwaqt li tippreserva perkorsi sikuri u legali. L-eskalazzjoni tal-kunflitti fil-Lvant Nofsani u fl-Afrika ta' Fuq, flimkien ma' telf potenzjali ta' kontroll u involviment inadegwat tal-UE, joħolqu riskju kbir ta' migrazzjoni għall-Unjoni.

Il-migrazzjoni ġiet ukoll strumentalizzata dejjem aktar bħala arma politika, minn xi pajjiżi terzi, b'mod partikolari mir-reġim ta' Lukashenko fil-Belarussja, li deliberatament iffaċilita l-moviment tal-migranti lejn il-fruntieri tal-UE biex jagħmel pressjoni fuq l-Istati Membri. Ġew osservati tattiki simili xi mkien ieħor, inkluż l-użu perjodiku mit-Turkija tal-flussi ta' migrazzjoni fin-negozjati u l-pressjoni fuq l-UE, u r-rwol tal-Libja bħala ċentru ta' tranżitu fejn l-instabbiltà u l-influwenza esterna jaffettwaw direttament it-tluq lejn l-Ewropa.

Dan huwa l-mod kif il-flussi ta' migrazzjoni jew il-migrazzjoni irregolari maħluqa artifiċjalment isiru strument, għodda għal skopijiet politiċi u theddida ibrida. Meta tinvolvi ruħha ma' pajjiżi terzi u tipprovdi assistenza finanzjarja jew teknika, l-Unjoni Ewropea trid tiddefinixxi b'mod ċar kundizzjonijiet konkreti marbuta mal-interessi strateġiċi tagħha, b'mod partikolari fil-ġestjoni u l-kontroll tal-flussi ta' migrazzjoni. Il-kooperazzjoni u l-għajnuna għall-iżvilupp għandhom ikunu bbażati fuq regoli trasparenti u obbligi reċiproċi, filwaqt li jiġi żgurat li l-pajjiżi sħab jikkontribwixxu b'mod attiv għall-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari, għall-ġlieda kontra n-networks ta' faċilitazzjoni ta' dħul klandestin, u għall-faċilitazzjoni ta' ġestjoni effettiva tal-fruntieri u tar-ritorn. L-istabbiliment tal-kundizzjonalità fil-kooperazzjoni relatata mal-migrazzjoni inkluż l-iżvilupp huwa għalhekk essenzjali biex jiġi żgurat li l-appoġġ tal-UE lil pajjiżi terzi jagħti riżultati tanġibbli u jallinja mal-objettivi usa' tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni u s-sigurtà.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jippreżenta lill-għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, dan li ġej:

Emenda 1

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jikkontribwixxi għall-objettiv tal-Unjoni li tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) permezz tal-għoti ta' appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp ta' politika komuni dwar l-ażil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja bil-ħsieb li jiġi offrut status xieraq lil kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li jeħtieġ protezzjoni internazzjonali u li tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement f'konformità mal-Artikolu 77 TFUE, u politika komuni dwar l-immigrazzjoni mmirata biex tiżgura, fl-istadji kollha, il-ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-Istati Membri, u l-prevenzjoni ta', u miżuri msaħħa għall-ġlieda kontra**,** l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin f'konformità mal-Artikolu 79 TFUE.	(1) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jikkontribwixxi għall-objettiv tal-Unjoni li tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) permezz tal-għoti ta' appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp ta' politika komuni dwar l-ażil, il-protezzjoni sussidjarja u l-protezzjoni temporanja bil-ħsieb li jiġi offrut status xieraq lil kwalunkwe ċittadin ta' pajjiż terz li jeħtieġ protezzjoni internazzjonali ***permezz ta' proċeduri ġusti u effiċjenti*** u li tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju ta' non-refoulement f'konformità mal-Artikolu 77 TFUE, u politika komuni dwar l-immigrazzjoni mmirata biex tiżgura, fl-istadji kollha, il-ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-Istati Membri, u l-prevenzjoni ta', u miżuri msaħħa għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin f'konformità mal-Artikolu 79 TFUE.

Emenda 2

Proposta għal regolament
Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) L-azzjonijiet appoġġati permezz tal-istrumenti tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandhom bħala l-objettiv primarju tagħhom it-tnaqqis u, fuq terminu twil, il-qerda tal-faqar, f'konformità mal-Artikolu 208 TFUE.

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni għall-politika dwar l-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jindirizzaw kull wieħed mill-objettivi stabbiliti minn dan ir-Regolament.	(3) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi tal-appoġġ tal-Unjoni għall-politika dwar l-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tagħhom jindirizzaw kull wieħed mill-objettivi stabbiliti minn dan ir-Regolament***, filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-Istat Membru kkonċernat, inklużi r-riskji li jirriżultaw mill-istrumentalizzazzjoni tal-migrazzjoni***.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-kuntest ġeopolitiku tal-Ewropa nbidel b'mod sinifikanti, u affettwa b'mod profond il-ġestjoni tal-migrazzjoni tal-Unjoni, anke minħabba r-rwol tal-atturi tal-Istat fil-ħolqien u l-iffaċilitar artifiċjali tal-migrazzjoni irregolari***, fl-istrumentalizzazzjoni tal-flussi migratorji bħala għodda għal skopijiet politiċi,*** u ***għall-użu*** ta' ***tattiċi tal-gwerra ibridi***, bħall-użu tal-migrazzjoni bħala arma[8], biex jiddestabbilizzaw l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. L-Istati Membri jeħtieġu jkunu jistgħu jirrispondu malajr u b'mod effettiv għall-iżviluppi tal-flussi migratorji u jirċievu l-appoġġ tal-Unjoni għal dak l-għan. ***Biex twieġeb għal dawn l-isfidi Ewropej, l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni għandha tirrifletti l-prijoritajiet tal-Unjoni.*** Għalhekk, l-appoġġ tal-Unjoni implimentat skont ir-regoli li jirregolaw il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi identifikati fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropea fit-tul għall-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni u ċ-ċiklu annwali	Il-kuntest ġeopolitiku tal-Ewropa nbidel b'mod sinifikanti, u affettwa b'mod profond il-ġestjoni tal-migrazzjoni tal-Unjoni, anke minħabba r-rwol tal-atturi tal-Istat fil-ħolqien u l-iffaċilitar artifiċjali tal-migrazzjoni irregolari u ***l-użu*** ta' ***theddid ibridu***, bħall-użu tal-migrazzjoni bħala arma[8], biex jiddestabbilizzaw l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha. L-Istati Membri jeħtieġu jkunu jistgħu jirrispondu malajr u b'mod effettiv għall-iżviluppi tal-flussi migratorji u jirċievu l-appoġġ tal-Unjoni għal dak l-għan. Għalhekk, l-appoġġ tal-Unjoni implimentat skont ir-regoli li jirregolaw il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi identifikati fil-kuntest tal-Istrateġija Ewropea fit-tul għall-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni u ċ-ċiklu annwali tal-ġestjoni tal-migrazzjoni stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024[9], inkluż il-mekkaniżmu ta' solidarjetà annwali u l-

tal-ġestjoni tal-migrazzjoni stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024[9], inkluż il-mekkaniżmu ta' solidarjetà annwali u l-Qafas tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja.

Qafas tal-Unjoni għar-Risistemazzjoni u l-Ammissjoni Umanitarja.

---

[8]***Komunikazzjoni*** tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-theddid ibridu mill-użu tal-migrazzjoni bħala arma u t-tisħiħ tas-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-UE (COM(2024) 570 final tal-11.12.2024).

[9] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147, u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj).

---

[8]***Il-Komunikazzjoni*** tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-theddid ibridu mill-użu tal-migrazzjoni bħala arma u t-tisħiħ tas-sigurtà fil-fruntieri esterni tal-UE (COM(2024) 570 final tal-11.12.2024).

[9] Ir-Regolament (UE) 2024/1351 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Mejju 2024 dwar il-ġestjoni tal-asil u l-migrazzjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1147, u (UE) 2021/1060 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 604/2013, ĠU L, 2024/1351, 22.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1351/oj).

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Peress li l-isfidi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi adattata għall-bidliet fil-flussi migratorji u l-asil. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u għall-bidliet fil-politika u fil-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika,	(7) Peress li l-isfidi fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil qed jevolvu b'mod kostanti, hemm bżonn li l-allokazzjoni tal-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi adattata għall-bidliet fil-flussi migratorji u l-asil. Bħala rispons għall-ħtiġijiet urġenti u għall-bidliet fil-politika u fil-prijoritajiet tal-Unjoni, u biex il-finanzjament jiġi orjentat lejn azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud tal-Unjoni, ***filwaqt li jiġu żgurati l-prevedibbiltà u r-rispett għad-drittijiet fundamentali,*** jenħtieġ li parti mill-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament tiġi implimentata b'ġestjoni diretta, kondiviża u indiretta permezz tal-Faċilità tal-UE stabbilita skont

soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà. il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri.	ir-Regolament (UE) […] li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, għall-agrikoltura u rurali, għas-sajd u għas-settur marittimu, għall-prosperità u għas-sigurtà. il-Faċilità tal-UE toffri flessibbiltà fil-ġestjoni tal-appoġġ tal-Unjoni, u, għal ġestjoni kondiviża, jenħtieġ li tiġi implimentata permezz tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali tal-istati Membri.

Emenda 6

Proposta għal regolament
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji ***u*** l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni jitqiesu fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri u meta jimplimentaw miżuri jew jindirizzaw sfidi fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-kontroll u l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw ***mal-acquis*** rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.	(8) Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-għarfien, l-għarfien espert u l-esperjenza tal-korpi, l-uffiċċji***,*** l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni ***u s-soċjetà ċivili, inklużi l-organizzazzjonijiet li jaħdmu fl-oqsma tad-drittijiet fundamentali u l-protezzjoni internazzjonali,*** jitqiesu fl-iżvilupp tal-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali tal-Istati Membri u meta jimplimentaw miżuri jew jindirizzaw sfidi fir-rigward tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-kontroll u l-ġestjoni tal-fruntieri u s-sigurtà interna. Fejn xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tinvolvi wkoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji rilevanti tal-Unjoni f'attivitajiet li għandhom l-għan li jiżguraw li l-miżuri appoġġati mill-appoġġ tal-Unjoni jikkonformaw ***mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-acquis*** rilevanti tal-Unjoni u l-prijoritajiet miftiehma tal-Unjoni.

Emenda 7

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni. Hija meħtieġa koerenza akbar bejn il-politiki dwar il-migrazzjoni, l-ażil, ir-ritorn u dawk esterni u huwa importanti li jiġi żgurat li l-assistenza esterna tal-Unjoni u l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jikkontribwixxu għal approċċ koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, filwaqt li jimmassimizzaw is-sinerġiji u jżidu l-influwenza. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jista' jinkludi wkoll appoġġ għar-riżorsi rilevanti tad-delegazzjonijiet tal-UE f'każijiet debitament ġustifikati, u jkun ikkoordinat bejn l-istati Membri u l-Kummissjoni fl-istadji ta' programmazzjoni u implimentazzjoni.	(11) L-appoġġ tal-Unjoni jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza, is-sinerġiji u l-komplementarjetajiet bejn il-politiki interni u esterni tal-Unjoni***, filwaqt li jkun hemm rispett sħiħ għall-aġenda tal-UE għall-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp***. Hija meħtieġa koerenza akbar bejn il-politiki dwar il-migrazzjoni, l-ażil, ir-ritorn u dawk esterni u huwa importanti li jiġi żgurat li l-assistenza esterna tal-Unjoni u l-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jikkontribwixxu għal approċċ koordinat, olistiku u strutturat għall-migrazzjoni, filwaqt li jimmassimizzaw is-sinerġiji u jżidu l-influwenza. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament jista' jinkludi wkoll appoġġ għar-riżorsi rilevanti tad-delegazzjonijiet tal-UE***, bħall-uffiċjali ta' kollegament,*** f'każijiet debitament ġustifikati, u jkun ikkoordinat bejn l-istati Membri u l-Kummissjoni fl-istadji ta' programmazzjoni u implimentazzjoni.

Emenda 8

Proposta għal regolament
Premessa 11a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11a) L-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari jeħtieġ investiment fit-tul fit-tkabbir inklużiv, il-protezzjoni soċjali, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u l-governanza; dan jirrikjedi wkoll appoġġ għall-politiki ta' żvilupp sostenibbli fil-pajjiżi sħab, b'mod partikolari fl-edukazzjoni, is-saħħa, l-enerġija rinnovabbli u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, peress li l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli hija essenzjali biex jittejjeb l-għajxien f'pajjiżi terzi u jista' jkollha wkoll impatt fuq il-flussi migratorji.

Emenda 9

Proposta għal regolament
Premessa 11b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(11b) Jenħtieġ li l-Kummissjoni Ewropea tkompli timpenja ruħha għall-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp, u b'hekk tiżgura l-komplementarjetà tal-politika tal-UE dwar il-migrazzjoni esterna ma' objettivi usa' tal-politika barranija u tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

Emenda 10

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Pajjiż terz li jkun ikkonkluda ftehim mal-Unjoni dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali rreġistrata fi Stat Membru jew irreġistrata f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li jitħalla jipparteċipa fl-appoġġ tal-Unjoni permezz ta' dan ir-Regolament dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.	(16) ***L-appoġġ tal-Unjoni permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi meta dan ikun fl-interess tal-Unjoni.*** Pajjiż terz li jkun ikkonkluda ftehim mal-Unjoni dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali rreġistrata fi Stat Membru jew irreġistrata f'dak il-pajjiż terz jenħtieġ li jitħalla jipparteċipa fl-appoġġ tal-Unjoni permezz ta' dan ir-Regolament dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet. ***F'każ li t-twettiq tal-ftehim jiġi pperikolat mill-pajjiż terz, l-Unjoni tista' tissospendi l-appoġġ tagħha skont dan ir-Regolament. Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni tkun soġġetta għal bilanċ ġust ta' kontribuzzjoni u benefiċċji tal-pajjiż terz u tiżgura l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji u tas-sigurtà tal-Unjoni. Meta tittieħed deċiżjoni dwar il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi, għandhom jiġu osservati l-prerogattivi rispettivi tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni***

skont l-Artikolu 218 TFUE.

Emenda 11

Proposta għal regolament
Premessa 16a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-ftehimiet ma' pajjiżi terzi jkunu dejjem ibbażati fuq ir-rispett għad-drittijiet fundamentali, id-dritt internazzjonali u l-prinċipju ta' non-refoulement. Barra minn hekk, jenħtieġ li dawn il-ftehimiet jinkludu wkoll miżuri għall-ġlieda kontra l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni, bħal iżda mhux limitati għat-tnaqqis tal-faqar, il-prevenzjoni tal-kunflitti, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, u l-iżvilupp sostenibbli.

Emenda 12

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi u l-finanzjament tal-appoġġ tal-Unjoni għall-implimentazzjoni, it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-politika komuni dwar l-ażil u l-politika komuni dwar l-immigrazzjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji u l-ażil, inkluż billi jipprovdi appoġġ għall-implimentazzjoni, it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, u s-sistema komuni ta' protezzjoni temporanja għall-persuni spostati fil-każ ta' influss bil-massa.	Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-objettivi u l-finanzjament tal-appoġġ tal-Unjoni għall-implimentazzjoni, it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-politika komuni dwar l-ażil u l-politika komuni dwar l-immigrazzjoni għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2028 sal-31 ta' Diċembru 2034. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jikkontribwixxi għall-ġestjoni effiċjenti tal-flussi migratorji u l-ażil, ***ir-ritorni u l-integrazzjoni,*** inkluż billi jipprovdi appoġġ għall-implimentazzjoni, it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-Patt dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, u s-sistema komuni ta' protezzjoni temporanja għall-persuni spostati fil-każ ta' influss bil-massa.

Emenda 13

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) "ritorn" tfisser ritorn kif definit fl-Artikolu 3, il-punt (3), tad-Direttiva 2008/115/KE;

Emenda 14

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-tisħiħ tar-ritorn u r-riammissjoni effettivi, sikuri u dinjitużi, il-promozzjoni u l-kontribut għar-riintegrazzjoni effettiva f'pajjiżi terzi, u l-kontribut għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari permezz tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin kif ukoll l-istrumentalizzazzjoni u l-użu tal-migrazzjoni irregolari bħala arma;	(b) it-tisħiħ tar-ritorn u r-riammissjoni effettivi, sikuri u dinjitużi, il-promozzjoni u l-kontribut għar-riintegrazzjoni effettiva***, ibbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem u l-ħtiġijiet*** f'pajjiżi terzi, u l-kontribut għall-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari permezz tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u t-traffikar tal-bnedmin kif ukoll l-istrumentalizzazzjoni u l-użu tal-migrazzjoni irregolari bħala arma;

Emenda 15

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-migrazzjoni legali ***lejn l-Istati Membri*** f'konformità ***mal-ħtiġiet*** tagħhom, u l-promozzjoni u l-kontribuzzjoni għall-integrazzjoni effettiva u l-inklużjoni soċjali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ***matul il-fażijiet bikrija tas-saldu***;	(c) ***l-assistenza għall-Istati Membri fil-ġestjoni,*** it-tisħiħ u l-iżvilupp tal-migrazzjoni legali f'konformità ***mal-ħtiġijiet*** tagħhom, u l-promozzjoni u l-kontribuzzjoni għall-integrazzjoni effettiva u l-inklużjoni soċjali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi;

Emenda 16

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-involviment ma' pajjiżi sħab abbażi ta' approċċ komprensiv lejn il-migrazzjoni;

Emenda 17

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) f'każ li jiġu identifikati nuqqasijiet f'pajjiż sieħeb relatati mal-obbligi reċiproċi skont dan ir-Regolament, jew f'każ li tali pajjiż juża l-migrazzjoni bħala theddida ibrida, il-Kummissjoni għandha tissospendi l-finanzjarjament skont dak ir-Regolament ma' tali pajjiż;

Emenda 18

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt dc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(dc) il-kontribut, meta rilevanti, għall-indirizzar tal-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni, bħal iżda mhux limitat għat-tnaqqis tal-faqar, il-prevenzjoni tal-kunflitti, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, u l-iżvilupp sostenibbli.

Emenda 19

Proposta għal regolament
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-politika tal-Unjoni għandu jkollha l-għan li timmassimizza s-sinerġiji

	u tiżviluppa sħubijiet komprensivi, b'attenzjoni partikolari għall-pajjiżi ta' oriġini, ta' tranżitu u ta' tluq, filwaqt li tiżgura strateġija koerenti ta' rotta sħiħa. L-approċċ għandu jqis l-effettività tal-kooperazzjoni u l-implimentazzjoni tal-arranġamenti u d-djalogi tal-Unjoni dwar il-migrazzjoni. L-azzjonijiet kollha skont dan l-approċċ għandhom jiġu implimentati f'konformità sħiħa mad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt umanitarju internazzjonali, id-dritt internazzjonali li jirrigwarda d-drittijiet tal-bniedem u d-dritt internazzjonali dwar ir-refuġjati, u bir-rispett dovut għall-kompetenzi tal-Unjoni u dawk nazzjonali. L-azzjonijiet f'pajjiżi terzi għandhom jikkomplementaw, u mhux jidduplikaw jew jissostitwixxu, l-istrumenti ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2021/947.

Emenda 20

Proposta għal regolament
Artikolu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 3a
	Appoġġ tal-Unjoni għal attivitajiet f'pajjiżi terzi u b'rabta magħhom
	L-appoġġ tal-Unjoni jista' jingħata għal azzjonijiet f'pajjiżi terzi u b'rabta magħhom, dment li dawk l-azzjonijiet jikkontribwixxu għall-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 ta' dan ir-Regolament. Tali attivitajiet għandhom iservu l-interessi tal-politiki interni u esterni tal-Unjoni u jkunu konsistenti mal-attivitajiet imwettqa fl-Unjoni.

Emenda 21

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Pajjiżi terzi ***assoċjati mal-appoġġ*** tal-Unjoni	Pajjiżi terzi ***li jipparteċipaw fl-appoġġ*** tal-Unjoni

Emenda 22

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament għandu jkun miftuħ ***għal pajjiżi*** terzi li jissodisfaw il-kriterji elenkati fil-paragrafu 2, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fi ftehim speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni tal-pajjiż terz fl-appoġġ tal-Unjoni.	1. L-appoġġ tal-Unjoni skont dan ir-Regolament għandu jkun miftuħ ***għall-parteċipazzjoni tal-pajjiżi*** terzi li jissodisfaw il-kriterji elenkati fil-paragrafu 2, f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fi ftehim speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni tal-pajjiż terz fl-appoġġ tal-Unjoni.

Emenda 23

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-minorenni mhux akkumpanjati, lill-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, lill-persuni b'diżabbiltà u lis-superstiti ta' vjolenza abbażi tal-ġeneru. L-appoġġ tal-Unjoni għandu jipprijoritizza s-sistemi għall-protezzjoni tat-tfal u s-servizzi speċjalizzati ta' akkoljenza u appoġġ.

Emenda 24

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Il-ftehim speċifiku msemmi fil-paragrafu 1 għandu mill-inqas:	Il-ftehim speċifiku ***għall-parteċipazzjoni fl-appoġġ tal-Unjoni*** msemmi fil-paragrafu 1 għandu mill-inqas:

Emenda 25

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jinkludi miżuri biex jiġu miġġielda l-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni; bħal iżda mhux limitati għat-tnaqqis tal-faqar, il-prevenzjoni tal-kunflitti, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima, u l-iżvilupp sostenibbli;

Emenda 26

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jiżgura bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet magħmula mill-pajjiż terz li jkun qed jipparteċipa fl-appoġġ tal-Unjoni u tal-benefiċċji li dan jirċievi;	(c) ***jippromwovi sħubijiet ta' benefiċċju reċiproku billi*** jiżgura bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet magħmula mill-pajjiż terz li jkun qed jipparteċipa fl-appoġġ tal-Unjoni u tal-benefiċċji li dan jirċievi;

Emenda 27

Proposta għal regolament
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jistipula l-kondizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fl-appoġġ tal-Unjoni, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-appoġġ tal-Unjoni, u l-kostijiet amministrattivi tiegħu;	(d) jistipula l-kondizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fl-appoġġ tal-Unjoni, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji***,*** għall-appoġġ tal-Unjoni, u l-kostijiet amministrattivi ***ġenerali*** tiegħu;

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li fl-opinjoni tiegħu ma inkludiex kontribut mingħand rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza[1], jew mingħand rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li għandhom jiġu elenkati f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).

PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

Titolu	L-istabbiliment tal-appoġġ tal-Unjoni għall-ażil, il-migrazzjoni u l-integrazzjoni għall-perjodu mill-2028 sal-2034
Referenzi	COM(2025)0540 – C10-0177/2025 – 2025/0540(COD)
Kumitat(i) responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 23.10.2025
Opinjoni(jiet) mogħtija minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	DEVE 23.10.2025
Rapporteur għal opinjoni Data tal-ħatra	Ondřej Kolář 5.11.2025
Eżami fil-kumitat	24.2.2026
Data tal-adozzjoni	15.7.2026
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 13 –: 5 0: 4

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET MILL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

13	+
PPE	Hildegard Bentele, Niels Geuking, Ondřej Kolář, Angelika Niebler, Paulius Saudargas
Renew	Barry Andrews, Charles Goerens, Hilde Vautmans
S&D	Robert Biedroń, Udo Bullmann, Marit Maij, Leire Pajín, Birgit Sippel

5	-
ESN	Tomasz Froelich
PfE	Marieke Ehlers, Viktória Ferenc
The Left	Damien Carême, Isabel Serra Sánchez

4	0
ECR	Małgorzata Gosiewska, Kristoffer Storm
Verts/ALE	Erik Marquardt, Ana Miranda Paz

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni